Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru. 17 | April - Ġunju 2013 | 40c

## It-Taxxa ta' Dħul

L-approvazzjoni tal-Baġit 2013 mil-Parlament Malti jiftaħ front ieħor neoliberali fejn l-aktar għonja qegħdin jerġgħu jiġu privileġġjati għax fi tlett snin se titnaqqas l-ogħla rata tat-taxxa minn 35% għal 25%.

L-effett ta' dan it-tnaqqis fuq il-finanzi tal-gvern żgur se jkun negattiv u l-gvern se jkollu tnaqqis fid-dħul tiegħu. Dan in-nuqqas ta' dħul jista' jkollu effett mifrux ħafna fuq setturi oħra bħas-saħħa, edukazzjoni, nsomma fuq il-welfare state. It-tnaqqis kull sena wara 2015 se jkun ta' bejn wieħed u ieħor €45 miljun.




Deċiżjoni bħal din tmur kontra l-prinċipju tal-ġustizzja soċjali, fejn gvernijiet b'kuxjenza soċjali għandhom jaraw li t-tkattir tal-ġid jinġabar b'mod ekwu u jinqasam b'mod ġust. F'dawn iċ-ċirkostanzi ġodda se naraw li mhux se jibqa' jsir hekk.

L-qagħda ekonomika fid-dinja qed titlob l-gvernijiet biex inaqqsu mil-ispiża kapitali fuq is-soċjal biex l-finanzi jkunu fl-livelli sostenibbli. F'Malta l-Parlament Malti approva tnaqqis dirett fid-dħul kapitali tal-gvern. Din il-manuvra tistgħona bil-kbir u tqajjem tħassib fost il-moviment xellugi u ħodor.

L-alternattiva kellha tkun reviżjoni fi *ceiling* sabiex aktar familji jgawdu minn tnaqqis fit-taxxa, filwaqt li jibqa' jiġi ggarantit dħul adekwat għall-gvern u l-finanzi jibqgħu f'livelli sostenibbli.

**Ġewwa...................**

*Esperjenza ta' Żagħżugħ Malti fil-Palestina*

*Rapport dwar in-Nisa fix-Xogħol*

*'Rebbiegħa ta' Popli'- t-tieni parti*

*'Economics past, present and future' - Sammy Camilleri*

# Klassi Ġdida ta' Ħaddiema Lsiera

Xogħol, paga u għajxien, xejn ma għadu garantit. Klassi ġdida ta' ħaddiema skjavi magħrufa bħala prekarjat tidher li qed issir konxja li l-affarijiet ma jistgħux jibqgħu sejrin hekk.




Fl-Ewropa qed jinbtu numru ta' movimenti kontra l-prekarjat, fejn il-ħaddiema qed jgħidu "issa xbajna". Dan hu l-messaġġ ewlieni fil-protesti li qed jagħmlu l-ħaddiema fl-Ewropa b'risposta għall-inċertezzi li qed iġib miegħu l-prekarjat fil-ħajja ta' kuljum, grazzi għal xogħol b'kuntratti temporanji, part-time, u xogħol mhux aktar garantit.

Analoġija għall-proletarjat, it-terminu wżat llum hu 'prekarjat'. Dan sabiex tiġi deskritta l-klassi ġdida esplojtjata.

Xogħolijiet prekarji joħolqu livell ta' għajxien prekarju. Il-kriżi ekonomika mhux biss tefgħet in-nies barra mix-xogħol, imma affettwat negattivament ħaddiema oħra li qed jaħdmu f'xogħol regolari. Numru ta' pajjiżi ntroduċew tibdiliet fil-liġijiet tax-xogħol.

Rapport ta' ILO "World of Work" maħruġ fl-2012 juri li minn 131 pajjiż li ġew studjati, 40 minnhom introduċew tibdiliet fil-liġijiet tax-xogħol li affettwaw ħaddiema b'impjieg regolari* (*xogħol ta' 40 siegħa fil-ġimgħa).

60% ta' dawn il-bidliet kienu jinkludu; żieda fil-ġranet bħala perjodu ta' probation, twessiegħ tal-liġi tax-xogħol f'dak li huwa tmiem ta' impjieg; tnaqqis fid-dħul tal-paga; tnaqqis fil-perjodu bħala 'notice'; u tnaqqis f'dawk li huma rimedji f'każ ta' waqfien mix-xogħol b'mod inġust.

Dawn il-prattiċi l-ġodda ġew l-aktar applikati fi 13 -il pajjiż b'ekonomiji avvanzati. Mil-banda l-oħra mal-15 -il pajjiż b'kollox, mil-Ewropa ċentrali u t'isfel 'dgħajjfu' l-liġijiet tax-xogħol f'każ ta' tkeċċija ta' ħaddiema f'numru kbir bl-iskuża tal-kriżi ekonomika.

ILO qed tiskoraġixxi il-ħolqien tax-xogħol li joffri l-inqas protezzjoni għall-ħaddiema. ILO qed tgħid li l-pajjiżi m'għandhomx jagħmlu għażla bejn inqas jew aktar regolamentazzjoni, imma għandhom jiffukaw kif il-liġijiet jistgħu jiġu mfassla biex jipproteġu l-ħaddiema.

ILO wissiet li l-imminar tar-regolamentazzjoni u istituzzjonijiet jista' jħalli suq tax-xogħol bla protezzjoni soċjali jew ftit li xejn – bi xkiel f'dawk li huma prospetti ta' ħolqien tax-xogħol u għajxien diċenti.

F'dawk li huma mpjiegi, ILO qalet li f'dawn l-aħħar għaxar snin seħħet bidla fejn żdied ħafna x-xogħol prekarju.

Magħruf hekk minħabba n-nuqqas fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, nuqqas ta' mpjieg regolari u pagi baxxi. L-istess studju qed jgħid li l-impjieg part-time żdied fil-maġġor parti tal-pajjiżi, filwaqt li dak temporanju żdied f'nofs il-pajjiżi studjati.

Ħaddiema b'kuntratti temporanji jew definiti jitħallsu anqas paga meta mqabbla ma' ħaddiema fl-istess tip ta' xogħol imma b'xogħol regolari. Studji juru li dawn jaqilgħu 40% anqas min dawk f'xogħol permanenti.

Din is-sitwazzjoni tista' tixpruna nkwiet soċjali u politiku bi ħsara u periklu għall-istess pajjiżi u soċjetajiet.

## KOMPETIZZJONI - Irbaħ €20 Voucher f'Kotba

*Mistoqsija - X'ismu l-President Franċiż u f'liema sena ġie elett?*

Ibgħat it-tweġiba, b'isem u indirizz lil Żminijietna - P.O Box 35 Sliema. SLM1000

Eleġibbli huma dawk abbonati jew li jabbonaw. Data ta' l-għeluq hija 1 ta' Ottubru 2013.

# 1848: IR-REBBIEGĦA ta' POPLI

## -- IT-TIENI PARTI

**minn Alfred Consiglio**

L-aħbar tar-rivoluzzjoni f'Pariġi xterdet bħal leħħa ta' berqa. Fi Vjenna l-istudenti skulari mfaqqrin jgħixu fi kmamar f'kerrejiet, kienu jissieħbu f'soċjetajiet sigrieti. Huma ċċirkulaw petizzjoni li talbet ħelsien tal-istampa u titjib fl-edukazzjoni. Kmieni fil-għodwa tal-15 ta' Marzu 1848 xi erbat elef student immarċjaw lejn il-kanċellerija.

Fil-lejl tal-1 u t-2 ta' April grupp ta' studenti xxabbtu mal-kampnar tal-Katidral ta' San Stiefnu fi Vjenna, u xejjru bandiera Ġermaniża. Għalkemm xtaqu li l-Awstrija tkun parti minn Ġermanja maqgħuda, ma xtaqux li din tkun ridotta għal stat ta' sempliċi provinċja.

Meta s-suldati attakkaw, il-kotra rritaljat billi daħlet fil-fabbriki u farrket makkinarju, serqet minn fran u ħwienet. Erba' persuni sfaw maqtula.

Il-kotra talbet għat-tneħħija ta' Klemens von Metternich (1773-1859) minn Kanċellier, u dan ħarab minn Vjenna. Inkwiet soċjali werwer konservattivi Awstrijaki. Fil-25 ta' Mejju l-gvern ordna x-xoljiment tal-korp studentesk, il-Leġjun Akkademiku, u l-għeluq tal-università. L-għada, l-istudenti u l-ħaddiema ħonqu t-toroq, inbnew barrikati, u l-gvern ċeda.

Matul is-sajf tal-1848 l-għawġ ekonomiku kompla jaggrava minħabba nċertezza politika. Il-ħaddiema ftit urew kuxjenza politika u fdaw fl-istudenti għat-tmexxija. Madankollu, ġurnalisti radikali ħallew impatt b'appelli għal għaqda proletarja u b'attakki verbali fuq is-sinjuri.

Il-gvern, biex forsi jtaffi ftit mill-iskuntentizza, naqqas it-taxxi fuq l-ikel, pero dan ma kienx biżżejjed biex jgħin in-numru kbir ta' nies qiegħda. Il-ħaddiema bdew jitolbu tnaqqis fil-kera u fis-sigħat tax-xogħol.

Meta saru l-elezzjonijiet għall-parlament, minkejja l-atmosfera ta' skuntentizza u minħabba li ħafna ma kellhomx vot, ħafna minn dawk eletti kienu konservattivi jew liberali moderati, u xi ftit xellugin. Madankollu, il-grupp ċentrist "liġi w ordni" ddomina.

Ir-radikali għamlu dimostrazzjoni li fiha ħadu sehem aktar minn għaxart elef ruħ. Matul Awwissu saru ħafna dimostrazzjonijiet fit-toroq ta' Vjenna. Meta fit-23 ta' Awwissu l-Gwardji Nazzjonali ppruvaw iferrxu 'l-kotra', inqala l-ġlied. L-istudenti, li qabel kienu minn ta' quddiem, din id-darba qagħdu lura. Id-dimostranti sfaw imsawtin, u 18-il ħaddiem sfaw maqtulin u 150 feruti. Il-protesti mill-ħaddiema kienu spontanji.

Meta xterdet l-aħbar li battaljun kien sa jattakka lill-ħaddiema, l-istudenti u ħaddiema bnew barrikati fil-għodwa tas-6 ta' Ottubru. Sezzjoni mill-Gwardji Nazzjonali appoġġat lill-ħaddiema. Ir-ribelli ħatfu l-maħżen tal-armamenti.

Imma mingħajr tradizzjoni rivoluzzjonarja jew objettivi politiċi definiti, id-demokratiċi wrew li ma kienux kapaċi li javvanzaw istituzzjonijiet adattati għas-sitwazzjoni rivoluzzjonarja. Hekk kif l-imperatur u l-qorti tiegħu ħarbu mill-belt, twaqqaf Kumitat Permanenti ta' Sigurtà Pubblika, imma dan wera li kien dgħajjef minn nuqqas ta ħila.

L-armata Awstrijaka ċċirkondat il-belt. Il-ġlied fit-toroq baqa' sejjer sal-31 ta' Ottubru.

Id-disfatta tal-ħaddiema tat immedjatament bidu għal sforzi biex jerġa' jiddaħħal l-assolutiżmu. Fil-ġlied bejn truppi u ħaddiema, elfejn ruħ mietu, elfejn oħra sfaw arrestati, il-Leġjun Akkademiku kien xolt. 25 rivoluzzjonarju,



fosthom Robert Blum (1807-1848), poeta rivoluzzjonarju, u Wenzel Messenhauser (1813-1848), uffiċjal tal-Gwardji Nazzjonali, kienu ssentenzjati għal mewt. L-eżekuzzjoni ta' Blum qajmet għadab mal-imperu kollu.

X'kien sa jiġri, min-nazzjonijiet l-oħrajn tal-Imperu Habsburg. Fil-Bohemja żewġ gruppi etniċi żvogaw b'ħeġġa fil-fraternità rivoluzzjonarja. Fi Praga, iċ-Ċeki appoġġaw il-Kumitat San Vaclav bħala l-gvern informali tal-Bohemja. Fit-toroq, il-liberali Karel Havliček (1821-1856), kittieb u poeta Ċek, sejjaħ liċ-Ċeki kollha biex ineħħu s-sinjali Ġermanizi mill-postijiet kollha.

Fl-1845 dehru żewġ ġurnali Ċeki, il-Prague Gazette u s-Slovak Gazette, il-bidu tal-moviment demokratiku Ċek u l-awtonomija lingwistika Slovakka. L-attività tal-Prague Gazette u l-proponent ewlieni tiegħu, Havliček, saret f'atmosfera nazzjonalista tal-Punent. L-istudenti u xi ftit borġeżi minn Praga ssieħbu ma' Havliček għax raw il-qawmien ta' sens patrijottiku u demokratiku.

Fis-Slovakkja, il-propaganda ta' Havliček stonat mal-ewwel tqanqil ta' partikulariżmu lingwistiku. Havliček ħares lejn is-Slovakkja bħala parti minn Bohemja. Ludvít Stúr (1815-1856) mexxa moviment li ħares lejn għaqda tas-Slovakki kollha, hu x'inhu t-twemmin. Stúr għażel il-lingwa bħala mezz ta' għaqda.

Il-moviment nazzjonali Rumen kien realtà sal-1834. Ion Heliade Rădulescu (1802-1870), ġurnalist, waqqaf l-ewwel ġurnal Rumen, Curierul Românesc (Rumanian Courier). Fi Transilvanja, l-idea nazzjonali kienet miżmuma ħajja bir-reżistenza lejn Magjarizzazzjoni (Magyar hi l-lingwa tal-Ungerija). Simion Barnutiu (1818-1864), ġurist u filosofu, u seminarista fi Blaj, iddefenda d-drittijiet tal-lingwa Rumena.

Is-sena 1825 immarkat il-bidu tal-qawmien tal-moviment Magyar. L-Ungeriżi bdew iwettqu r-riabilitazzjoni tal-lingwa tagħhom. Sandor Petofi (1823-1849), l-idolu tad-demokratiċi ta' Pest, sar il-poeta tal-klassi serva u n-nazzjon Ungeriż.

Il-ħajja politika fil-bidu tas-snin 1840jiet ma baqgħetx biss l-interess tal-ftit. Lajos Kossuth (1802-1894), avukat u ġurnalist, waqqaf fl-1841 il-Pesti Hirlap (Il-Ġurnal ta' Pest), pero għall-bidu ta' kas tad-destin tal-bdiewa, u kien favur ħajja demokratika skond il-veduti tan-nobbiltà ż-żgħira. Meta kien konvint għal ħtieġa urġenti li jkun abolit is-servitù, huwa waqqaf ir-Radical Party, partit li ħambaq fuq emanċipazzjoni politika.

Madankollu, ir-radikali naqsu li jimmobilizzaw lill-ħaddiema għax ma offrew xejn ta' sugu f'dak li huwa soċjali. Meta erbat elef apprendisti mmarċjaw u talbu lil Petofi biex ikun il-kelliem tagħhom, huwa u l-mexxejja l-oħrajn raw il-potenzjal rivoluzzjonarju, iżda ma għamlu xejn. Id-diverġenza soċjali bejn il-ħaddiema u r-radikali kienet kbira wisq.

Ir-radikali Ungeriżi straħu fuq l-istudenti u l-intelletwali. F'Lulju 1848 waqfu *s-Society for Equality* fuq il-mudell Ġakobin Franċiż.

It-talba biex truppi Ungeriżi jintbagħtu biex irażżnu ribelli f'artijiet okkupati Awstrijaċi rrabjat lir-radikali xellugin. Truppi Awstrijaċi nvadew l-Ungerija. Fil-5 ta' Jannar 1849 it-truppi okkupaw Pest, u Kossuth ħarab lejn Debreczin. Il-gvern proviżorju ta' Kossuth kompla jmexxi sal-10 ta' Awwissu. Meta Kossuth ħarab lejn it-Turkija, ripressjoni ħarxa rażżnet lill-poplu Ungeriż.

Wara l-aħbar tal-irvell fi Franza, l-inkwiet fil-Ġermanja żdied. It-tqanqil intemm b'konċessjonijiet li varjaw minn liberalizzazzjoni għal demokratizzazzjoni tar-reġim. Wieħed irid jiftakar li l-Ġermanja kienet għadha magħmula minn diversi stati. Tant kienu diversi l-movimenti lokali, strettament ta' xejra politika, li t-tqanqil baqa' magħruf bħala *"r-rivoluzzjonijiet Ġermaniżi"*. Il-vera, u l-waħda, rivoluzzjoni Ġermaniża kienet ir-rivoluzzjoni nazzjonali.

Wara l-waqa' tal-monarkija fi Franza, deher impossibbli li tieqaf kontra l-kurrent popolari li ġabet l-għaqda tal-liberali u r-radikali. Ta' spiss lokali fil-ħsieb, l-ewwel manifestazzjonijiet popolari adottaw għajtiet aċċettabbli kemm għall-moderati u kemm għall-estremisti xellugin.

Fl-1848 ir-rankatura għal rivoluzzjoni nazzjonali fil-Ġermanja ma ġiex mill-Prussja iżda mill-mexxejja politiċi ta' stati żgħar. Wieħed minn dawn kien Baden. L-ewwel jiem ta' Marzu ma kienux biss perjodu mqanqal meta l-artiġġjani, ħaddiema u anke bdiewa esperjenzaw ferħanin il-bidu ta' libertà, imma kien ukoll perjodu ta' rvellijiet. Baden kienet fl-aqwa tat-taqlib rivoluzzjonarju meta l-bdiewa riedu jaħtfu l-irċevuti tad-djun tagħhom miżmumin mill-użurarji. Minn hemm, il-kontaminazzjoni nfirxet lejn Hesse, Wartemberg u Hohenzollern. Imma l-awtorità tal-ħakkiema qatt ma kienet ikkontestata. Dawn id-diżordnijiet messhom qatt ma għaġġbu lix-xellug.

Liberali u radikali, f'alleanza mill-qrib, kienu qed jisħqu fuq għaqda tal-Ġermanja. Fil-5 ta' Marzu 1848 assemblea ta' 51 ruħ iltaqgħet f'Heidelberg u eleġit kummissjoni permanenti. Din il-mossa kienet kuraġġuża, iżda għall-liberali "ir-rivoluzzjoni" kienet strettament tattika. Qatt ma kellhom ħsieb iwarrbu l-monarkija.

L-estremisti ddispraw li jġiebu t-tibdil politiku u soċjali li riedu permezz ta' proċess parlamentari. Il-mexxejja, Friedrich Hecker (1811-1881) u Gustav Struve (1805-1870), ippruvaw iqajjmu rvell mill-ħaddiema f'Baden, u pproklamaw repubblika fit-12 ta' April 1848. Sal-aħħar ta' April l-irvell kien trażżan.

Berlin, b'popolazzjoni ta' erba' mitt elf ruħ, kienet il-post ideali għal partit rivoluzzjonarju. Ir-rivoluzzjoni twieldet minn qgħad li qanqal skuntentizza u rewwixti li malajr ġew imrażżnin mit-truppi. Fis-17 ta' Marzu d-demokratiċi talbu l-irtirar tal-armata. Folla enormi ħonqot il-pjazza ewlenija, u meta t-truppi fetħu n-nar, bdew jinbnew il-barrikati. Meta l-monarkija kkapitolat, il-liberali dehru kuntenti.

Wara l-konvokazzjoni ta' "parlament", id-demokratiċi saħqu fuq separazzjoni bejn knisja u stat, u taxxa tad-dħul progressiva. Madankollu, Hecker irrifjuta li jipproklama repubblika dak in-nhar, imma ried li r-repubblikani jorganizzaw kullimkien. Il-liberali, iffaċċjati bi tqanqil soċjali, iddispjaċihom li appoġġaw lid-demokratiċi. Ix-xellug, għalkemm f'minoranza, ipprova jimponi repubblika bħal ma għamlu l-Pariġini.

Il-verità hi li r-rivoluzzjoni qatt ma kienet aktar minn irvell f'Berlin. Fi ftit xhur, il-poplu deher li kien tilef il-fervur tiegħu għar-rivoluzzjoni ta' Marzu.

Referenzi:

Barbara Reinfeld: Karel Havliček (1821-1856): A National Liberation Leader of the Czech Renascence, New York, 1982.
F. Engels: Revolution and Counter-Revolution in Germany.
Kossuth, Encyclopedia Brittanica.
Blum Robert, Encyclopedia Americana, 1920.

## Editorjal

# L-imgħoddi tax-Xellug huwa glorjuż u soluzzjoni għall-kriżijiet tal-lum

Il-maġġoranza tax-xellug feraħ li l-Partit Laburista rebaħ l-elezzjoni u warrab mill-poter klikka ta' nies determinati li jżarmaw l-istat u jagħtu kollox lill-privat biex dan jagħmel profitt a spejjez tal-kotra.

Li jinkwieta lix-xellug kullimkien huwa l-ħerqa li ħafna partiti suppost tax-xellug qishom jistħu mill-imgħoddi u warrbu kull sens ta' ideoloġija. Dan huwa żball għax dawk il-partiti li għażlu din it-triq saru kompliċi tal-lemin biex il-popli ta' l-Ewropa ntefgħu fil-miżerja grazzi għall-kriżi maħluqa mill-banek privati li l-gvernijiet tawhom iċ-ċans li jkunu "casinos" għax neħħew kull kontroll pubbliku minn fuqhom.

L-imgħoddi tax-xellug huwa glorjuż. Kull kisba favur il-ħaddiema u favur il-popli saret minn gvernijiet li kienu jħaddnu l-ideoloġija soċjalista. Minn fejn tibda! Kien ix-xellug li waqaf u għeleb in-Nażismu u l-Faxxiżmu. Kien ix-xellug li ħoloq il-welfare state msejjes fuq is-solidarjetá bejn il-bnedmin. Kien ix-xellug kullimkien li żgura tqassim ġust tal-ġid kollu maħluq f'pajjiż.

Il-lemin u l-konservattivi għall-kuntrarju kienu li ffinanzjaw partiti estremi tal-lemin u wasslu għall-Ġermanja ta' Hitler.

Il-lemin qatt ma rema' l-ideoloġija tiegħu u kompla jwettaq il-ġlieda tal-klassi. Il-lemin irid u qiegħed jaħdem biex jiżżarma l-istat u biex kollox jiġi pprivatizzat għax l-ideoloġija tiegħu hija msejsa fuq il-liġi tal-ġungla fejn min jiflaħ iħawwel.

Immaġinaw is-sitwazzjoni l-lum tal-pensjonanti, l-istudenti, il-morda u d-dgħajfin kieku f'Malta qatt ma kien hawn gvernijiet laburisti imdawwla bl-ideoloġija soċjalista ta' solidarjetá li bnew welfare state mill-aqwa li l-lemin għamel minn kollox biex ifarrak u jżarma. L-ideoloġija tal-lemin għadha twettaq il-ġlieda tal-klassi għax l-għan tagħha huma li l-klassi tal-ħaddiema ma tibqax magħquda ħalli tkun ilsiera tas-sidien tal-flus.

Ix-xellug huwa konvint li l-gvern Laburista ġdid mhux se jittradixxi t-tradizzjoni ta' solidarjetá, imma jrid iżomm f'moħħu li l-għadu ma għibx u se jagħmel minn kollox biex jerġa' jieħu r-riedni f'idejh biex ikompli jaqdi lil min jiġbidlu l-ispag.

Ħarsa lejn dak li qiegħed jiġri madwarna turina li l-lemin qatt ma biddel sufu u qiegħed iressaq jew akjar jitfa' lura lill-Ewropa għas-snin 1930.

Il-kriżi finanzjarja ta' dak iż-żmien ingħelbet fl-Istati Uniti għax il-President Roosevelt wettaq il-programm New Deal li kien imsejjes fuq ħsieb xellugi.

Fl-Ewropa għall-kuntrarju , bħall-kriżi tal-lum, tefgħu il-piż kollu fuq il-ħaddiema u xprunaw u finanzjaw partiti li ħadu l-poter u kissru lill-unjins.

Il-lum f'ħafna pajjiżi mifnija mill-kriżi maħluqa minn "banksters" qegħdin jerġgħu jinbtu partiti neo-nażisti vjolenti bħal ma qiegħed jiġri fil-Greċja.

L-istorja tgħallimna li jekk ix-xellug ma jingħaqadx, u jaffronta bil-qawwa u bl-ideoloġija din is-sitwazzjoni, il-ġrajjiet tas-snin 30 jistgħu jirripetu ruħhom.

Il-gvern Laburista fl-Unjoni Ewropea se jkollu responsabiltá kbira u għandu jissieħeb mal-forzi progressivi biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi finanzjarja u biex titwarrab il-politika ta' awsteritá li tant qiegħda toħloq miżerja u tbatija fuq iċ-ċittadini ta' l-Ewropa. Irridu nimxu lejn Ewropa Soċjali u Ekoloġika.

U din is-soluzzjoni tista' tinstab jekk wieħed iqies il-ġrajjiet ta' l-istorja, jitgħallem minnhom u fejn hemm bżonn jimmodifikhom għaż-żminijiet tal-lum.

Aspett importanti tas-soluzzjoni żgur li hija li l-ġid tal-pajjiżi kif ukoll is-servizzi essenzjali jkunu għall-ġid tal-poplu kollu u mhux biex jimlew il-bwiet tal-klikek u l-politiċi mixtrija minnhom.

Ix-xellug m'għandux xejn x'jistħi mill-imgħoddi tiegħu imma għandu jibni fuq dak li wettaq tul is-snin għax dan kien kollu ta' ġid għaċ-ċittadini.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 fl-indirizz: P.O Box 35 Sliema. SLM1000***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Il-ħaddiema fil-leġiżlatura l-ġdida

**minn Miguel Balzan**

Matul dawn l-aħħar ġimgħat il-poplu Malti kien qiegħed f'kampanja elettorali li issa spiċċat u l-poplu fil-maġġoranza tiegħu ddeċieda li jagħżel lill-Partit Laburista sabiex imexxi lil Malta għall-ħames snin li ġejjin. Elezzjoni ġenerali, partikolarment f'pajjiżna, tqajjem ħafna diskussjoni u nteress minn setturi varji tas-soċjetà, u minn nies ta' kull età tista' tgħid, għax anke dawk li mhumiex eleġibbli għall-vot ġieli tismagħhom jitħaddtu fuq xi tema jew aspett politiku.

Kull ċittadin, irid jew ma jridx, jiġi affettwat mill-politika u għaldaqstant min ikun fil-gvern għandu jkun trasparenti fil-għemil tiegħu u jgħożż il-valur tal-kontabbilità kif wiegħed li jagħmel il-partit li issa qiegħed fil-gvern, biex b'hekk il-poplu jkun verament mmexxi tajjeb u f'direzzjoni li twassal għas-suċċess tal-miri stabbiliti.

Fost is-setturi differenti fis-soċjetà, nsibu lill-ħaddiema li żgur huma fost l-aktar nies li jiġu affettwati minn dak li jagħmel il-gvern tal-ġurnata. Għalhekk il-għajta tal-ħaddiem hija ferm importanti sabiex ikun magħruf x'qed jistennew il-ħaddiema Maltin mil-leġiżlatura li għadha kif bdiet. L-unjins f'pajjiżna esprimew dak li ħasbu b'xi mod jew ieħor bit-tama li dawn it-talbiet jitwettqu u ma jaqgħux fuq widnejn torox.

Matul il-kampanja elettorali ntwera biċ-ċar li wasal iż-żmien li jinstab ix-xogħol għal kulħadd kemm jista' jkun għaliex il-faqar reġa' qed jgħolli rasu f'pajjiżna. Madanakollu, l-mira ta' gvern ġdid m'hijiex biss sempliċiment li jkun hawn ix-xogħol iżda aktar importanti minn hekk hija l-ħtieġa li jkun hawn xogħol xieraq u b'kundizzjonijiet tajba u dinjitużi għall-ħaddiem, sabiex b'hekk jinqered ix-xogħol prekarju u l-prattiċi tal-prekarjat darba għal dejjem.

Tant hu hekk li l-gvern ta' llum ippropona li dawk l-intraprendituri li jħaddmu lill-ħaddiema tagħhom bi prattiċi prekarji mhux se jkollhom l-istess ċans daqs oħrajn li ma jużawx prattiċi tal-prekarjat fejn jidħlu għotjiet ta' kuntratti u affarijiet ta' din ix-xorta. Punt bħal dan huwa wieħed ta' min ifaħħru għaliex b'ideat bħal dawn dawk li jħaddmu lill-ħaddiema tagħhom bi prattiċi prekarji jkunu inċentivati li ma jibqgħux jagħmlu dan biex iżidu fil-kompetittività tagħhom huma wkoll, filwaqt li dawk li ma jħaddmux lill-ħaddiema taħt il-prekarjat ikunu premjati u naturalment inkoraġġuti sabiex jibqgħu jagħtu kundizzjonijiet tajba lill-ħaddiema tagħhom.

Apparti kundizzjonijiet tajba fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiema jkollhom qalbhom tħabbat dwar x'se jiġri mill-pagi tagħhom. Għaldaqstant, il-ħaddiema li jaqilgħu l-paga minima fil-leġiżlatura l-ġdida mhumiex se jiġu ntaxxati sabiex b'hekk ikollhom mezzi għal għajxien aktar deċenti. Aspetti oħra li l-ħaddiem jagħtuh kuraġġ huma dawk bħal, li jekk ħaddiem jitlef ix-xogħol tiegħu jew jieqaf mix-xogħol jista' jidħol lura fid-dinja tal-istudju sabiex jew iġib kwalifiki għal xogħol aħjar jew inkella jtejjeb il-kwalifiki li diġà għandu biex ikompli javvanza 'l quddiem fil-karriera tiegħu.

Dan mhux biss, għax wieħed irid isemmi wkoll il-fatt li l-għoti tal-istipendju lil dawk li qed jistudjaw wara li tilfu jew waqfu mix-xogħol se jkun qed jingħata xorta waħda flimkien mal-benefiċċju soċjali li normalment jingħata fis-sitwazzjoni partikolari, u din hija xi ħaġa li tkompli tqawwi qalb il-ħaddiem biex jeduka ruħu aktar u fuq kollox isir aktar tekniku u professjonali fil-qasam li jaħdem fih. Inċentivi u opportunitajiet bħal dawn isaħħu lill-ħaddiema u jgħinuhom jilħqu l-miri tagħhom f'ħajjithom kemm jista' jkun. Mil-leġiżlatura l-ġdida, huwa maħsub li l-ħaddiem se jirċievi aktar rispett, kif ukoll aktar ħarsien rigward id-drittijiet tiegħu, sabiex jiġu osservati aktar bir-reqqa sakemm jinqata' kull forma ta' abbuż eżistenti u tirrenja aktar għaqda u armonija bejn min jaħdem u min iħaddem.

Għaldaqstant il-maġġoranza assoluta tal-poplu uriet fiduċja fi gvern ġdid li jista' joffri pajjiż aħjar fejn igawdi kulħadd mill-progress li jitkattar f'pajjiżna. Ejjew naħdmu aktar viċin politika fejn ma tibqax teżisti firda fuq il-bażi tal-aħmar jew il-blu`, jew li wieħed jirnexxi skont lil min jaf, iżda favur politika li fiha lkoll nimxu 'l quddiem u li jkun jista' jirnexxi kulħadd fuq il-bażi tal-meritokrazija u s-serjetà.

youths@gwu.org.mt

# Il-Problemi tan-Nisa fid-Dinja tax-Xogħol

Fil-bidu ta' din is-sena ttellgħet Diskussjoni Pubblika minn Żminijietna – Leħen ix-Xellug bittema il-*Mara, Ix-Xogħol u l-EU*, nhar is-Sibt 12 ta' Jannar, ġewwa Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta. Id-diskussjoni tmexxiet minn Maryanne Zammit u l-kelliema kienu: Renee Laiveira (Konfederazzjoni tal-Għaqdiet tan-Nisa); Edwin Balzan (Viċi-Segretarju UHM); Helen Mallia (GWU); u Nighat Urpani (Alternattiva Demokratika – The Green Party). Dan kien 'il wieħed u għoxrin dibattitu minn meta bdew jiġu organizzati mill-Għaqda Xellugija Żminijietna.

***Maryanne Zammit: Skond iċ-ċifri tal-Eurostat ir-rata tax-xogħol fl-Ewropa bejn l-irġiel u n-nisa, etá bejn 20 u 64sena kienet ta' 75% fl-2011, waqt li tan-nisa kienet ta' 62.3%. Jidher li f'ħafna pajjiżi tal-UE, fosthom Malta, ir-rata tal-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol hija anqas minn 60%. X'taħsbu li qed iwassal għal dan ir-riżultat? U x'taħsbu li hi s-sitwazzjoni tal-mara fis-soċjetà Maltija llum?***

Renee Laiveira bdiet id-diskussjoni billi qalet li bla dubju ta' xejn in-nisa f'Malta għadhom f'minoranza fejn jidħol is-suq tax-xogħol. Statistika nazzjonali turi li r-rata tan-nisa fid-dinja tax-xogħol hi ta' 42%. Jidher wkoll li ħafna nisa qed jidħlu jaħdmu fuq bażi part-time. Filfatt 25% ta' ħaddiema nisa f'Malta huma fuq bażi part-time jew *reduced hours.* Dana jfisser li mara b'xogħol *reduced hours* qed taqla' inqas paga, filwaqt dawk b'impjieg part-time qed jaħdmu l-aktar b'xogħol prekarju.

Kompliet tgħid li x-xogħol prekarju skond id-defenizzjoni li tat NCPE fi studju tagħha li tratta l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema nisa fis-settur tal-lingwa, ta' tindif u turiżmu sab li x-xogħol prekarju hu dak *"fejn min iħaddmek ma jkunx qed iħallaslek il-kontribuzzjoni tal-bolla, jħaddmek b'xogħol temporanju, jiċħdek mid-dritt ta' sick leave, u anke mid-dritt ta' lunch break"*. Ħafna drabi ix-xogħol prekarju jkun fuq kuntratt definit, li jfisser li jħaddmek meta jkollu bżonnok u wara terġa' tispiċċa bla mpjieg. Dan it-tip ta' xogħol jitħallas ftit. Wieħed isib li peress li l-livell ta' edukazzjoni jkun baxx u l-ħaddiem għandu bżonn il-flus biex jgħix, naraw li l-istess ħaddiem jibża' jitkellem għad-drittijiet tiegħu.

Ir-riċerka turi li hawn iktar nisa b'xogħol prekarju minn irġiel. Hemm diversi fatturi li qed iwasslu għal dan ir-riżultat, fosthom li l-kultura f'dan il-pajjiż għadha li l-piż ta' trobbija ta' tfal jinxteħet fuq il-mara u ninsew ir-rwol tar-raġel. Ħafna rġiel peress li wara x-xogħol qed jaħdmu part-time qed jitilfu wkoll kull kuntatt mat-tfal tagħhom, ifisser li ma hemmx komunikazzjoni. Għalhekk nisħqu li r-raġel għandu jingħata l-opportunità li hu wkoll jibni din ir-relazzjoni mat-tfal. Ta' min jgħid li s-socjetà f'dan ir-rigward wkoll qed tinbidel bil-mod il-mod.

Il-mentalità ngenerali għada li jekk raġel jaħdem part-time wara x-xogħol, jgħidu li dan ir-raġel bil-għaqal għax qed jaħdem għall-familja, filwaqt li mara għadha meqjusa li qed tittraskura t-tfal. L-aseġerazzjoni fix-xogħol nqisu li hi ħażina għat-tnejn fil-familja.

Ta' min iżid li fil-qasam tax-xogħol teżisti diskriminazzjoni mhux



biss bejn ħaddiema nisa jew rġiel imma bejn ħaddiema taċ-ċivil u dawk fil-privat. Ħaddiema taċ-ċivil jgawdu aktar minn miżuri favur il-familja, filwaqt li ħaddiema fis-settur privat jgawdu ftit li xejn.

Riċerka turi li l-persentaġġ ta' *parental leave* li jittieħed huwa biss ta' 3%. Peress li r-raġel jaqla' aktar paga min mara, fil-maġġor parti tieqaf taħdem il-mara jew inkella taħdem b'*reduced hours* jew fuq bażi part-time.

Renee kompliet tgħid li f'ħafna pajjiżi Ewropej l-ispejjez fil-lif tal-maternità jitħallas min fond apposta. F'Malta dan il-piż jintefa' l-aktar fuq l-emplojer, u għalhekk dan l-aħħar kellna ħafna tgergir għall-proposta Ewropeja ta' żjieda fil-lif tal-maternità. Il-Gvern Malti għaraf din is-sitwazzjoni u refa' r-responsabiltà hu f'dawk li huma l-aħħar erba' ġimgħat lif (*bi ħlas ta' €160 fil-ġimgħa*). Xorta imma qed naraw li jeżistu ċertu problemi biex il-lif tal-maternità jittieħed b'mod awtomatiku fis-settur privat.

Helen Mallia *(GWU)* qalet li hija ġejja minn *background* ta' 'shopfloor' u kienet taħdem f'intrapriża privata. Tajjeb ngħidu li ħafna min-nisa joħorġu jaħdmu mhux għall-kapriċċ, imma biex ilaħħqu mall-ispejjeż tal-ħajja. Illum biex tibni familja trid ammont ta' flus. Il-mara għadha terfa' ħafna mil-piż fix-xogħol tal-familja, anke jekk mhiex miżżewġa. Meta jiġu t-tfal, il-problemi sintendi jiżdiedu.

Qed naraw li wħud mil-problemi huma marbuta l-aktar mall-mentalità tal-'profitti' fejn l-emplojer ma jkunx irid li jiżdiedu l-ispejjeż tal-produzzjoni. Ċertu kumpaniji jagħmlu pressjoni fuq il-mara (li kellha tarbija) biex tidħol lura għax-xogħol kemm jista' jkun malajr. Dawn in-nisa qed isibu problemi fejn se jħallu t-tfal, jekk ma jkunx hemm in-nanniet li jgħinuhom. Faċilitajiet ta' *child care* huma ftit u mhux daqshekk affordabbli. Kif inhi s-sitwazzjoni llum mhiex vijabbli li l-mara tibqa' taħdem u tħallas l-ispejjez ta' dan is-servizz.

Problema oħra li jħabbtu wiċċhom magħhom il-familji huma l-ħinijiet tal-iskejjel li huma marbuta ma' '*fix-time'* u allura tinħoloq problema ta' kif se joħolqu bilanċ mal-ħinijiet tax-xogħol u l-iskejjel. Naraw, li missier li kien jaħdem meta kien ġuvni, kompla jaħdem wara l-ħajja taż-żwieġ, filwaqt li mara kellha tieqaf f'xi mument fil-karriera biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-familja.

Riċerka turi li mara fis-sena taqla' bejn wieħed u ieħor €2,600 anqas għall-istess xogħol li jagħmel ir-raġel. Fil-verità qed naraw li mhux qed jinħoloq dak ix-xogħol tajjeb biex mara naġevolawha li tkompli taħdem. Id-differenza fil-pagi għall-istess xogħol qed joħloq diskriminazzjoni fuq in-nisa. Nemmen li jrid jkun l-istat flimkien mall-privat biex naġevolaw il-mara fis-suq tax-xogħol. Jekk le l-mara se tibqa' tiffaċċja problemi.

Edwin Balzan *(UHM)* qal li tajjeb li r-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol naqsmuha f'etajiet. Kompla jgħid li bejn l-età ta' 20 u 64sena, skond statistika nazzjonali wieħed isib li f'2011 nisa jaħdmu taħt l-40 sena kien hemm 67.3% u l'fuq minn 40sena kien hemm 32.7%. Dan ifisser li meta tikkompara s-sitwazzjoni ta' Malta mal-Ewropa, wieħed isib li l-ammont ta' nisa (sena 40+) fis-suq tax-xogħol huwa limitat. Hawn fejn nemmnu bħala Unjin li għandna naħdmu l-aktar. Taħt l-40sena hemm problemi, imma huma anqas. Ta' min jgħid ukoll li fl-*Active Labour Market Policy* li nedejna dan l-aħħar, tfajna dawl fuq dawn il-problemi.

Qal ukoll li problemi fil-postijiet tax-xogħol jeżistu. Qal li fil-bidu tal-karriera fit-trejdjunjoniżmu ffaċċja sitwazzjoni ta' familja, fejn l-mara toħroġ tqila u waqt li kienet bil-lif tal-maternità jirriżulta li t-tarbija ġiet ċertifikata mejta. L-emplojer ċemplilha u qallha li l-benefiċċju tal-lif tal-maternità m'għadux japplika għaliha. Kompla jgħid li din l-esperjenza baqgħet stampata ġo moħħu. Iktar gravi min hekk lill-missier ma ridux iħalluh imur il-funeral tat-tarbija bl-argument jkun li laħaq għaddew il-ġranet minn meta mietet it-tarbija u l-jum tal-funeral. Jien mil-ewwel tellgħajt din il-kwistjoni fuq livell nazzjonali fejn tkellimt ma' l-awtoritajiet biex sitwazzjonijiet bħal dawn jiġu ndirizzati. Edwin saħaq favur il-bżonn ta' aktar edukazzjoni ndirizzata lejn l-emplojers u l-ħaddiema.

Kompla jgħid li n-numru ta' *child care centres* huwa ftit limitat u għalhekk hemm bżonn stimulu qawwi f'dan il-qasam biex jiżdiedu u li jkunu bla ħlas. Imma apparti *child care centres*, għandna l-problema tal-ħinijiet tax-xogħol. Hija ħasra li l-privat mhux jqis l-investiment fil-ħaddiem. Bħala Unjin nemmnu li jekk il-privat ħa jintroduċi *family friendly measures,* dana għandu jdaħħalhom mhux biss għax jemmen fihom imma għax b'hekk jista' jinvesti aktar fil-ħaddiem.

Nighat Urpani *(Alternattiva Demokratika)* qalet li l-ippjanar irid jkun aktar fit-tul u mhux ta' malajr. Dan il-qasam għandu jiġi ndirizzat minn dawk li jfasslu l-politika. Irridu nħarsu lejn il-problemi, l-effetti u kif is-soċjetá qed tevolvi. Nighat kompliet tgħid, li huwa vera li n-nuqqas ta' *child care centres* affordabbli hija problema kbira għan-nisa. Temmen li kulturalment sirna niddependu wisq min-nanniet biex jieħdu ħsieb it-tfal u hawnhekk fejn qed naraw problema.

Nighat semmiet li l-ħsieb qed jiġi kkundizzjonat b'tali mod li peress li hemm nies ta' sess femminili fil-familja, dawn kapaċi li jieħdu ħsieb it-tfal. Imma Nigħat saħqet li dan m'għandux ikun, għax anke l-omm (nanna) għandha jkollha d-dritt li toħroġ taħdem jew tgħix il-ħajja tagħha. Li rridu nifhmu hu li ż-żewġ ġenituri jridu jaħdmu llum il-ġurnata. Riċerka turi li fejn familja jaħdem biss ir-raġel qed naraw tnaqqis fil-livell tal-għajxien. Għalhekk nemmnu li hemm bżonn li aktar nisa joħorġu jaħdmu, u hawnhekk fejn il-politikanti iridu jaħdmu sabiex jiġu ntrodotti aktar liġijiet favur il-familja u xogħol.

Nigħat kompliet ssemmi li teżisti problema f'dik li hi għażla tal-ħaddiem li jaħdem skond l-esiġenzi tagħha/tiegħu f'xogħol fejn is-sigħat tax-xogħol jkunu aktar flessibli *(flexible hours)* sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-familja u x-xogħol. Il-mara teħtieġ iktar appoġġ minn min iħaddem. Kif ukoll fuq livell ta' taxxa nemmnu bħala partit li għandna mmorru għal sistema ta' taxxi aktar progressivi, fejn min jaqla' l-aktar iħallas l-aktar u mhux kif ġie propost fil-baġit.

David Pisani minn Żminijietna – Leħen ix-Xellug semma li diversi studji jitkellmu dwar il-problema dejjem tikber tal-*working poor*, fejn fl-Ewropa u f'Malta dan in-numru qed jiżdied. *Working poor* hu fejn il-persuna bix-xogħol li taħdem fih ma tkunx tista' tgħix ħajja diċenti. Tajjeb ngħidu li *Viviane Forrester* fil-ktieb tagħha *The Economic*

***ikompli f'paġna 5***

*ikompli minn paġna 4*

*Horror* tgħid li l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-pajjiżi żviluppati se jkomplu jonsqu, fejn il-ħolqien tax-xogħol se jkun aktar b'kuntratti prekarji bħal dawk part-time, *agency workers*, *self employed* u b'kuntratt definit. Kompla jgħid li dan it-tip ta' mpjieg qed jwassal għal pagi aktar baxxi u kundizzjonijiet inferjuri. Filfatt persuna prominenti fil-qasam tat-turiżmu riċentament qalet, waqt seminar f'Jum il-Ħaddiem, li x-xogħol li ser jinħoloq f'dan is-settur se jkun l-maġġor parti tiegħu fuq bażi part-time u mhux aktar full-time. Huwa ta' dispjaċir li sa llum għad m'għandniex statistika ta' kemm hu n-numru ta' dawn il-ħaddiema li jaħdmu b'xogħol prekarju (atipiku).

Il-kunċett ġdid ta' flessibilità fis-suq tax-xogħol qed jimbutta l-quddiem ix-xogħol b'kuntratti prekarji u l-mara l-aktar li qed tkun affettwata. Bħala għaqda Xellugija nemmnu li għandna nħarsu lejn il-kunċett ta' flessibilità b'sigurtá (flexicurity) u mhux aktar lejn flessibilità prekarja (flexploitation). Dan jista' jsir b'introduzzjoni ta' miżuri li jħarsu l-kontinwità u s-sigurtà fil-postijiet tax-xogħol, fosthom miżuri ta' aktar taħriġ fil-postijiet tax-xogħol u nċentivi sabiex nħarsu l-impjiegi u ninċentivaw oħrajn b'impjieg regolari u full-time.

Edwin Balzan (UHM) kompla jgħid qabel ma nitkellmu fuq xogħol part-time jew prekarju tajjeb ninnutaw li n-nuqqas ta' aċċessibilità fl-użu ta' *child care centres* hija waħda mil-problemi maġġuri għala l-mara ma toħroġx taħdem u għala m'għandhiex dik l-għażla fit-tip ta' mpjieg. Min Iħaddem irid jifhem li dik il-persuna li qed tfittex ix-xogħol għandha problema u mhux li ma tridx taħdem.

Kompla jgħid li llum għandna ma 43 *child care centres*, imma l-prezz biex tagħmel użu minnhom għadu mhuwiex wieħed affordabli. Tajjeb nsaqsu kemm qed jifdlilha flus dik il-persuna meta tagħmel użu minn *child care centre*?

Qal ukoll, li qed jigri hu, li għal ħafna familji mhux vijabbli li mara toħroġ taħdem mhux għax m'għandhiex *skills*, imma għax għandha problema fejn se tħalli it-tfal. Tajjeb insaqsu wkoll, ir-raġel qed jagħti l-kontribut tiegħu fil-familja?

Alfred Vella minn Żminijietna kkontribwixxa fid-diskussjoni u semma li tajjeb li nagħtu każ ta' dik il-mara *low skilled*, imma wkoll tajjeb nħarsu lejn dawk professjonali li lkoll nassumi li jiffaċċjaw problemi. Alfred temm l-intervent tiegħu billi saqsa lill-kelliema dwar x'inhi l-opinjoni tagħhom għad-direttiva Ewropea li tidħol il-gender kwota ta' 40% nisa fuq bordijiet ta' kumpaniji. Kompla jgħid li hu jemmen li jekk tiddaħħal il-kwota, l-mara ikollha aktar ċans li tavvanza fil-post tax-xogħol.

***Maryanne Zammit: X'taħsbu li qed iwassal biex ħafna nisa joħorġu jaħdmu f'impjieg part-time u mhux full-time? Vera li teżisti konnotazzjoni f'dak li hu mpjieg part-time u working poor?***

Renee Laivera bdiet it-tweġiba tagħha marbuta man-nuqqas ta' affordabilità fl-użu ta' *child care centres.* Hi semmiet li persuna ma tantx jaqbillha toħroġ taħdem jekk ikollha salarju baxx meta l-persuna trid tħallas għat-transport, ħwejjeġ, kif ukoll għas-servizz ta' *child care*. Saħqet li dan hu kollu telf għall-istat u l-pajjiż li nvesta fl-edukazzjoni tal-persuna. Tajjeb ngħidu li hemm numru mhux ħażin ta' nisa li baqgħu d-dar li għandhom livelli varji ta' kwalifiki u ħiliet.

Kompliet tgħid li ħafna nisa fis-settur pubbliku u taċ-ċivil qed joħorġu fuq *reduced hours* minħabba l-fatt li l-iskejjel tagħna jispiċċaw kmieni. Eż hemm skejjel fejn jispiċċaw xi 1:30pm. Xi sentejn ilu ġie ntrodott it-"3-16 klabb", imma l-fatt li dan is-servizz mhux mifrux ma' Malta kollha xorta jagħmilha diffiċli għal ommijiet biex jieħdu tfal tagħhom f'dawn il-programmi.

Issa jidher li hemm il-ħsieb li l-ħin ta' dawn is-servizzi jiżdied u jkun introdott fl-iskejjel kollha. Riċentament nedejna manifest flimkien mal-Unjins, Kunsill għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-employers, fejn flimkien tkellimna dwar il-bżonn ta' programmi għal wara l-iskola bl-isem ta' *"after school programmes"*. Dawn huma ta' bżonn mhux biss għal ġenituri, imma speċjalment għat-tfal. F'dawn il-programmi t-tfal jitgħallmu ħiliet differenti minn teamwork; zfin; sports; għajnuna fil-homework etċ.

Qalet li dawn il-programmi jgħinu l-ġenituri f'dak li hu serħan il-moħħ u fl-istess ħin it-tfal ma jitħallewx waħedhom id-dar jew jispiċċaw piż fuq in-nanniet. Tajjeb ngħidu li diġà ħafna ġenituri qed jieħdu t-tfal tagħhom f'postijiet oħra wara l-iskola biex jipprattikaw sports, mużika etċ. B'dawn il-programmi flok il-ġenituri jmorru huma, jiġu l-għalliema fl-iskola stess viċin jgħallmu dawn is-suġġetti.

Helen Mallia (GWU) kompliet telenka li jekk mhux se nieħdu ħsieb l-impjiegi, se naraw li se jkollna aktar ħaddiema fuq bażi part-time. Ħaddiema part-timers huma aktar vulnerabbli li jiġu sfruttati fid-dinja tax-xogħol. Ħaddiem part-time malajr jitkeċċa u l-aktar li jintlaqtu huma n-nisa. *Job sharing* jista' jkun ta' soluzzjoni għall-mara. *Job sharing* jfisser dak l-impjieg li jista' jinqasam bejn tnejn u tlett nisa fejn huma stess jakkomodaw lilhom infushom kemm ħin jistgħu jagħtu biex ix-xogħol jitlesta. Dan filwaqt li jkun qed jakkomoda lill-employer, jgħin biex il-mara tibqa' fid-dinja tax-xogħol. Barra minn Malta din is-sistema tiġi prattika faċilment, imma f'Malta din għadha ma daħlitx.

Għandna ħafna ħaddiema part-time fis-settur ta' turiżmu u servizzi. Xogħol part-time mhux xi ħaġa ħażina, imma għandna naraw li dan jitħaddem tajjeb sabiex ma jkunx hemm sfruttament u li dan it-tip ta' mpjieg jkun qed jgħaqdi l-esiġenzi tal-persuna. Nemmen li għandna nikkumbattu sitwazzjonijiet fejn min Iħaddem jagħmel pressjoni sabiex jieħu l-istess ammont ta' xogħol daqs ta' persuna full-time. Niftakru li l-mara trid tlaħħaq wkoll mall-problemi tal-familja u dan qed jwassal għal aktar stress u dipressjoni. Helen kompliet tgħid li l-gvernijiet għandhom jagħtu aktar każ ta' din il-problema sabiex jkollna soċjetà aktar b'saħħitha.

Edwin Balzan (UHM) qal li l-impjieg part-time huwa regolat bil-liġi, iġifieri l-abbuż m'għadux daqshekk rampanti. Saħaq li għandna nagħmlu distinzjoni bejn impjieg b'kuntratt defenit jew self-employed ma' dak part-time. Huwa veru li ħafna nisa fl-Ewropa jaħdmu b'impjieg part-time. Imma l-problema hija iktar f'kuntratti fejn il-ħaddiem qed jagħti servizz (*fosthom agency workers*), fejn il-ħaddiem la huwa garantit minn miżuri favur il-familja u lanqas benefiċċji oħra.

Jekk nħarsu min lenti ta' povertà, hawnhekk naraw li l-istatistika hija kemmxejn allarmanti. L-ammont ta' nies, *'single persons'*, li għandhom tfal dipendenti fuqhom u huma fir-riskju ta' povertà jlaħħaq 54.4%. Fl-UE l-ammont hu ta' 36.6%. Iġifieri fuq din hemm ħafna xogħol iktar xi jsir.

Nighat Urpani (AD) qalet li teżisti rabta bejn l-impjieg part-time u faqar minħabba li l-pagi huma baxxi. Għalina kollox huwa marbut ma' nuqqas ta' miżuri favur il-familja, fosthom *child care centres*. Jekk nisa għandhom it-tfal huwa aktar faċli li jfittxu mpjieg part-time. Hawn qed nitkellmu fuq persuni b'pagi baxxi li jħallsu t-taxxi. Għandna naraw li l-impjieg ta' dawn il-ħaddiema jibqa' *tax free*. Minħabba l-kriżi ekonomika qed naraw li ħafna nisa qed jfittxu mpjieg li ma jħallas. Fl-istess waqt is-soċjetà qed tagħmel pressjoni sabiex il-mara toħroġ taħdem.

Semmiet, li studju ta' NCPE juri li n-nisa għadhom iħossuhom *guilty* li joħorġu jaħdmu. Tajjeb nsaqsu kemm qed jagħtu appoġġ l-irġiel lin-nisa tagħhom fix-xogħol tad-dar. It-tnejn llum iridu jaħdmu. Nemmen li din l-istigma fis-soċjetà trid titneħħa u hawn fejn l-ETC għandha tgħin bi programmi ta' edukazzjoni favur aktar ugwaljanza.

Michael Camilleri semma li minħabba li l-mara qed tieqaf taħdem diversi drabi tul il-karriera minħabba l-esiġenzi tal-familja, il-mara qed tispiċċa tħallas anqas kontribuzzjoni u din toħloq problemi f'dik li hi pensjoni adegwata. Fuq dan il-punt Renee Laivera qalet li l-Gvern ntroduċa skema ta' benefiċċju dirett lejn il-mara, ta' sentejn ħlas fil-kontribuzzjoni għal kull tarbija li titwieled.

Edwin Balzan (UHM) qal li fl-1990 nisa jaħdmu kien hemm b'kollox 32,865 (25.8%), fis-sena 2000 kien hemm 43,137 (28.6%), u s-sena li għaddiet 2012 kien hemm 50, 393 (33.7%). Qal li l-introduzzjoni ta' eżenzjoni mit-taxxa biex mara tidħol taħdem kien stimulo, imma s'intendi nemmen li dan mhux biżżejjed.

Iddaħħlu *family friendly measures* fiċ-ċivil, imma dawn intelqu għar-riħom, fejn studju ma sarx kif dawn jistgħu jiġu applikati aħjar. Wieħed jistaqsi xi problemi qed jiffaċċja l-ħaddiem biex jaċċessa dawn il-miżuri.

Fuq dan il-punt Helen Mallia (GWU) qalet li hemm bżonn li jsiru aktar korsijiet dwar il-bżonn ta' *family friendly measures* ndirizzati lejn min Iħaddem u kapijiet taċ-ċivil sabiex jsiru aktar konxji ta' dawn il-miżuri. Għad għandna emplojers li ma jinteressahomx li jintroduċu dawn l-iskemi. Sa llum min Iħaddem mhux obbligat li jintroduċihom.

***Sa issa smajna dwar l-ostakli li qed jiffaċċjaw in-nisa biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Imma ma dan nistgħu nżidu l-problemi li qed tiffaċċja l-mara biex tavvanza fil-karriera. X'taħsbu fuq dan u x'inhi l-opinjoni tagħkom għad-direttiva Ewropea dwar 'gender kwota' ta' 40% ta' rappreżentanza tan-nisa fuq bordijiet ta' kumpaniji?***

Renee Laivera qalet li huwa ta' għib li l-Gvern Malti ma tax l-appoġġ tiegħu lil din id-direttiva. Aħna sa llum qed ngħixu f'pajjiż ta' diskriminazzjoni. Nemmen favur il-kwota għax l-istrutturi li għandna huma patrijarkali fejn din il-kultura tagħmilha diffiċli biex mara tavvanza. Il-kwoti huma ugwaljanza.

Kif jista'jkollok 60% tal-istudenti nisa li joħorġu gradwati ma' 12 –il sena esperjenza, mbagħad nsibu li fis-suq tax-xogħol l-ammont ta' nisa fuq bordijiet hu ta' bejn wieħed u ieħor 3%. B'dawn il-figuri qed nagħtu l-impressjoni li mara mhiex kapaċi. Il-pajjiż tal-Irwanda u l-Afrika t'isfel li lkoll iħaddmu sistema ta' gender kwota għandhom l-akbar rappreżentanza ta' nisa fil-parlament.

Helen Mallia (GWU) personalment taqbel mal-Kwota, favur *'positive discrimination'.* Irridu 'iva' nagħmlu xi ħaġa biex din nindirizzawha. Qalet li meta ntgħażlet bħala viċi president tal-GWU tant ġiet attakkata mill-midja u oqsma oħra, li ħassitha qisha aljena ġejja mil-qamar. Kompliet tgħid, li hi temmen li għadna l-bogħod milli naraw il-mara fuq l-istess livell tar-raġel.

Edwin Balzan (UHM) jqies li kull diskriminazzjoni fuq il-mara għandha tiġi miġġielda. Qal li bħala Unjin jemmnu favur makkaniżmu sabiex din tiġi miġġielda. Mill-banda l-oħra li tiddaħħal il-kwota bħala Unjin ma naqblux magħha. Ma' kwota tassattiva aħna kontra. Imma fl-istess waqt nemmnu li bordijiet m'għandhomx jiddiskriminaw. Mara kwalifikata għandha timxi daqs ir-raġel.

Nighat Urpani (AD) qalet li din hija problema ta' kultura fejn ir-raġel huwa dominanti. Hemm iktar nisa fl-Università u fl-istess waqt nsibu ftit nisa f'pożizzjonijiet għoljin. Gender kwota hija *necessary evil*. Għalhekk bħala partit progressiv naqblu mal-introduzzjoni ta' din il-kwota, kif ukoll ma' żieda fil-paga minima nazzjonali.

# Esperjenza ta' Żagħżugħ Malti fil-Palestina

L-Għaqda Żminijietna qed twassal lilkom il-qarrejja ntervista ma' Andre Callus, attivista fil-Moviment Graffitti u li dan l-aħħar kien il-Palestina bħala volontier mall-Moviment Internazzjonali ta' Solidarjetá mall-poplu Palestinjan (ISM).

***Kif bdiet l-esperjenza tiegħek fil-Palestina?***

Andre qal li l-ewwel l-esperjenza tiegħu fil-Palestina bdiet f'kamp tar-refuġjati - *Idha Camp*, qrib Betlem. Dan il-kamp kien mgħammar b'ċentru kulturali li kien jorganizza diversi attivitajiet. Li hemm partikolari f'dan il-kamp hu li l-ħajt ta' separazzjoni li nbena mil-Iżraeliti jgħaddi eżatt minn ġol-kamp, fejn tara djar iħokku ma' dan il-kamp. Il-ħajt u għoli tmien metri, kollu konkrit u b'kollox għandu jkun twil, la jitlesta 774 kilometri. Ħafna bdiewa sabu ruħhom bl-għelieqi tagħhom fin-naħa l-oħra tal-ħajt.

Tajjeb jingħad li dan il-ħajt suppost inbena fuq il-*green line*, imma lanqas mhu hekk għax ħataf ħafna art il-ġewwa mil-linja. Ftit mil-bdiewa għandhom aċċess limitat għall-għelieqi tagħhom minn gradi apposta msejħa *'agricultural gates'*, fejn hemmhekk isibu jistennewhom settlers Iżraeliti li kontinwament jaggreduhom, jaħarqulhom is-siġar u l-uċuħ tar-raba bil-bexx valenuż. Ġieli anke sparaw fuq il-bdiewa.

Wara tlett ġimgħat f'dan il-kamp ġietni l-opportunità li ningħaqad ma' ISM (International Solidarity Movement) ġewwa Nablus. ISM huwa ko-ordinament ta' attivisti, fejn ma hemmx ġerarkija. L-attivisti huma kollha nternazzjonali. Kull ġimgħatejn issir laqgħa fejn fiha jiġu deċiżi xi affarijiet. Il-fundaturi huma tlett minn nies ta' oriġini Palestinjana u waħda minnhom Iżraelità , anti-żionista.

***X'kienet il-ħidma tiegħek?***

Hemm kelli training ta' jumejn. Essenzjalment, ir-rwol tiegħi fl-*ISM* hi li nkun xhieda ta' dak li qed jiġri u anke nikteb rapporti u nieħu ritratti. Kif ukoll tkun mal-Palestinjani f'sitwazzjonijiet difffiċli. Tajjeb ngħidu li meta s-suldati Iżraeljani jew settlers jaraw preżenza nternazzjonali jbaxxu l-livell ta' vjolenza li jużaw kontra l-Palestinjani. Taħsbux li din tiġri dejjem u taħsbux li din tagħmel ħafna differenza. Jekk issoltu jużaw ħamsin fil-mija *life bullets*, se jużaw tletin fil-mija. Rajt jien stess nies jintlaqtu minn dawn il-bullets.

L-għan ewlieni ta' dan il-moviment huwa ta' solidarjetà għall-kawża Palestinjana. Il-Moviment jibbaża l-qafas tiegħu fuq tlett prinċipji, *Palestinian land, Consensus based u Non Violent*. Aħna ma stajna nagħmlu xejn fuq inizzjattiva tagħna, imma ridna dejjem niġu msejħa u nvitati mill-Palestinjani stess. Eż jsejħulna għax se ssir attività jew ejjew għax hawn is-settlers u l-presenza tagħkom tgħin biex titnaqqas il-vjolenza.

***Kellek problema biex taċċessa l-Palestina?***

Ħafna nies ikollhom, imma jiena dħalt mil-Ġordan. Lejn Gaża, l-uniku post li tista' tidħol hu mil-Eġittu. Tajjeb nifhmu li l-popolazzjoni ġewwa Nablus hi ta' xi 150,000 ruħ. Il-Palestina, skond l-Oslo Agreement hija maqsuma fi tlett żoni, żona A, B, u Ċ. Żona A hija ż-żona l-aktar abitata, li tinkludi Nablus, Ramallah, Betlem, Jenin u parti minn Ħebron (li propjament Ħebron ma taqa' fl-ebda żona, hi każ speċjali għaliha). Żoni A taqa' taħt l-Awtorità Palestinjana. L-Awtorità hija biss faċċata, m'għandha l-ebda poter fuq l-Iżraeljani ġewwa l-West Bank, anke jekk jaraw settler jattakka. Żona A suppost hija żona esklussivament Palestinjana, imma xorta l-militar



Iżraelit kien jidħol bil-lejl biex jagħmel arresti. Aħna konna Nablus għax il-Palestinjani hemm kienu jesperjenzaw attakki kważi kuljum.

Żona B hija konġunta bejn l-Awtorità Palestinjana u l-okkupazzjoni Iżraeljana. Imma filfatt hemmhekk, l-Awtorità Iżraeljana għandha l-ikbar poter. Żona Ċ hija kompletament taħt kontroll Iżraeljan, li tinkludi t-toroq prinċipali kollha, ċertu villaġġi, u ż-żona magħrufa bħala Jordan Valley. Gaża m'għandekx l-okkupazzjoni Iżraeljana, imma l-poplu huwa ċċirkondat qisu ġo ħabs. Gaża hija post kbir daqs Malta ta' 1.5 miljun ruħ.

***X'inhi sitwazzjoni tan-nies fil-ħajja ta' kuljum?***

Tinbidel skond il-post, eżempju f'Nablus (Żona A) ma tarax l-okkupazzjoni Iżraeljana, imma kif toħroġ ftit tara l-ewwel *check point* Iżraelit. Fil-villaġġi li hemm ta' xi 5,000 ruħ, issib ħafna tan-nies li huma bdiewa li huma ttormentati mis-settlers, fejn dawn jattakkawhom, jisirqulhom l-art, u fejn in-nies jinsterqu mis-suldati (kidnapping). Apparti l-okkupazzjoni u dana kollu, llum nbena ħajt. Ħafna minn nies ma għandhomx permess biex jmorru jfittxu xogħol f'Iżrael. Xogħol fil-Palestina ma hemmx, ħlief mas-servizz pubbliku, xi ħwienet żgħar tal-familja u fil-qasam tal-kostruzzjoni. Kull ma jidħol fil-Palestina, f'dak li hu mportazzjoni ta' ikel, mediċina etc, jrid jgħaddi mil-Iżrael li fuqu jieħdu t-taxxa. Anke biex jesportaw hija diffiċli.

Sa snin 90 l-Palestinjani kellhom aċċess jaħdmu f'Iżrael bħala *cheap labours*. Wara 90s, wara l-Oslo Agreement, li fil-fehma tiegħi għamel ħafna ħsara għall-kawża Palestinjana, dan ma baqax jiġi prattikat.

***Għajnuna minn barra tingħata lill-Poplu Palestinjan?***

Il-flus jiġu l-aktar mit-taxxa ta' dak li jiġi mportat fil-Palestina, li din tingabar minn Iżrael u tingħata lil Awtoritajiet Palestinjani. L-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea jagħtu wkoll somma ta' flus bħala għajnuna. Preżentament il-flus mit-taxxi twaqqfu minħabba l-vot fil-Ġnus Magħquda favur rikonoxximent tal-Palestina fl-Assemblea Ġenerali bħala 'Stat Osservatur'. Apparti l-korruzzjoni fil-Palestina, l-Awtorità Palestinjani ma tantx għandha poteri.

***Jeżistu movimenti oħra fil-Palestina?***

Bħala għaqda ta' attivisti hemm ISM *(International Solidarity Movement)* u anke l-*Jordan Valley Solidarity Movement*, fejn dan ta' l-aħħar kien attiv fin-naħa tal-*Jordan Valley*. F'kull villaġġ jeżisti wkoll kumitat popolari, magħmul minn nies Palestinjani taż-żona. ISM kienet taħdem ma' kulħadd.

***Għaddejt minn xi esperjenza li baqgħet f'moħħok u tixtieq tirrakonta?***

Mhux waħda. Viċin Nablus, ta' bil-lejl kienu jseħħu diversi attakki mis-*settlers* u rejds mis-suldati. Eż wara l-vot fil-Ġnus Magħquda, bħala vendetta bil-lejl daħlu ġo villaġġ mal- 500 suldat Iżraeljan u assedjaw 36 dar fejn dawn kissru kollox li kien hemm fid-djar. Dawn l-istess xeni rajna ħafna minnhom f'villaġġi oħra.

Rajna wkoll villaġġi jiġu attakki minn *settlers* armati għal jiem sħaħ. Dawn is-settlers huma fundamentalisti reliġjużi li jemmnu li dik l-art tagħhilhom Alla. Is-settlers kienu jmorru filgħodu kmieni, fejn jibdew iwaddbu l-ġebel lejn skola, ikissru twieqi, kif ukoll twieqi tad-djar. Hija sistema ta' apertheid. Meta mbagħad jinżlu ż-żgħażagħ Palestinjani biex jiddefendu l-iskola, kienu jispiċċaw attakkati mil-armata Iżraeljana, fost ħafna gass ta' dmugħ, *rubber bullets* u *life bullets*. Il-villaġġ kien jispiċċa kollu ggassjat. F'xahar, ma' wieħed u għoxrin mara kellha *miscarriage* minħabba dan il-gass ta' dmugħ. Ħafna annimali mietu wkoll.

F'okkazzjoni oħra ġewwa villaġġ ieħor rajna s-suldati jisparaw bullets ta' vera fuq in-nies. Il-Palestinjani kienu jiddefendu bil-ġebel biss. Darba minnhom żewġ rgħajja li huma aħwa spiċċaw msawta minn settlers, fejn wieħed minnhom spiċċa marbut bid-demm nieżel minn rasu, filwaqt li ħuħ spiċċa bi sparatura f'saqajh, bil-familja tispiċċa attakkata waqt li marret tagħti l-għajnuna. Il-persuna marbuta spiċċajt arrestata u tressqet quddiem il-qorti militari b'akkuża li attakka settlers. Dan spiċċa tlett xhur il-ħabs u l-każ tiegħu għadu pendenti. Ħafna Palestinjani jispiċċaw il-ħabs taħt l-istess akkuża li attakkaw settlers. Il-Palestinjani lanqas għandhom id-dritt ta' smiegħ xieraq u ġust. Dan hu dak li aħna nsejħulu apartheid.

Ħafna minn dawk li qegħdin il-ħabs m'għandhomx kuntatt mal-familjari tagħhom. Vera li jsiru xi rapporti mil-Ġnus Magħquda, li tmexxi l-kampijiet kollha tar-refuġjati, imma ħadd ma jaf xi jsir bihom dawn ir-rapporti. Ħaġa oħra, nhar ta' ġimgħa kienet issir protesta ġewwa villaġġ partikolari għax ingħalaq l-aċċess għan-nies lejn il-Belt ta' Nablus, minn settlers Iżraeliti. Ħafna toroq ma jistgħux jgħaddu minnhom l-Palestinjani.

Fil-*Jordan Valley* għandek politika ta' *tindif etniku*. Il-popolazzjoni fl-1967 kienet ta' 360,000 persuna, illum hi biss ta' 66,000. Iżrael ma jħalliex Palestinjani jibnu postijiet ġodda, anzi mhux talli hekk talli qed jokkupa aktar artijiet Palestinjani. L-ilma fil-*Jordan Valley* ma jistgħux jużawh. Nofs il-persuni minn dan il-villaġġ jbatu minn xi tip ta' diżabilità konsegwenza ta' *life bullets*. Il-Palestinjani jxebbħu l-każ ta' settlements ma kanċer għax minn qed jokkupa qiegħed dejjem jespandi u jiekol l-art ftit ftit. Mit-tieni antifada 'l hawn tqattċu ma 1.5 miljun siġra taż-żebbuġ, li huma tant importanti għall-ħajja tal-Palestinjani.

***Jeżistu fazzjonijiet xellugin fil-Palestina apparti organizazzjonijiet bħall-Fatah u l-Ħamas?***

Iva, wieħed isib l-PFLP, (Front Popolari Palestinjan u l-Front Demokratiku Palestinjan) li lkoll ġejjien minn tradizzjoni Komunista. Kellhom sehem kbir fir-reżistenza Palestinjana, fejn f'ċertu villaġġi u kampjiet tar-refuġjati qisu għandhom

***ikompli f'paġna 7***

*ikompli minn paġna 6*

fortizzi tagħhom.

***Bi ħsiebek terġa tmur fil-Palestina?***

Iva, imma l-post għadni ma nafx.

***Riċenti tellajtu attivitá l-Belt fuq il-Palestina. Liema messaġġ ridtu twasslu?***




L-għan kienet biex nqajmu kuxjenza dwar is-sistema ta' apartheid li għaddejja fil-Palestina, aktar milli okkupazzjoni. Sistema 'razzista' li tagħlaq u ssakkar il-Palestinjani f'żoni għalihom u toħloq sistema differenti għall-Palestinjani, tisraq l-art tagħhom u tiffavorixxi popolazzjoni oħra biex tieħu l-art tal-Palestinjani.

L-organizazzjonijiet internazzjonali ħadu idea minn dak li kien qed jiġri fi South Afrika, matul l-apartheid. Waħda mil-kundizzjonijiet li ġabet il-waqa' tal-apartheid fi South Afrika kien il-boycott u sanzjonijiet internazzjonali. Mhux biss, imma dana ħalla effett kbir.

Allura b'din il-kampanja qed jippruvaw jagħmlu l-istess għal dik li hi l-kwistjoni Palestinjana. Qed issir anke pressjoni fuq il-mexxejja u l-konsumaturi, bl-għan tal-kampanja jkun boycott (fuq lat ta' konsumatur, li ma jixtrix prodotti Iżraeljani), divestment (fejn kumpaniji ma jinvestux f'dawn iż-żoni jew f'Iżrael) u sanctions (sanzjonijiet fuq livell diplomatiku).

Bħalissa qed titħejja wkoll ittra mil-*ISM* biex tintbagħat lill-Kunsill tal-Ewropa, l-Membri Parlamentari u Ministri biex issir pressjoni biex jitwaqqaf kull ftehim diplomatiku u ekonomiku mal-Iżrael mil-Unjoni Ewropa; biex jiddaħħlu sanzjonijiet fuq Iżrael. Ninnotaw li l-Amerikani wkoll għandhom rabtiet ekonomiċi, diplomatiċi u militari kbar mal-Iżrael.

L-għan ta' l-attivitá fil-Belt Valletta kien sabiex jiġu bbojkotjati prodotti li ġejjin miż-żona magħrufa bħala Death Sea, (li hu wkoll territorju okkupat u misruq minn Iżrael).

# Economics past, present and future

**Sammy Camilleri**
**Ontario, Canada**




Capitalism is in the final, terminal stage, historically obsolete and is quickly going out of usage. It does not work properly or effectively any longer and it does not serve humankind anymore; if it ever did, it did so to a limited extent and it never will. Like the previous outdated socio-economic systems of slavery and feudalism, capitalism is now 'Bad Health', effectively in coma and has to be buried with all the honours of a fallen "Hero".

The present day capitalistic socio-economic system hinders humankind's progress, development, well being, happiness, fairness and justice. It is modern slavery mixed with some elements of feudalism or even worse. There is a permanent global war, officially sanctioned by the true rulers of the world; the rich, the bankers "bangsters" and other members of the world plutocracy/oligarchy. Only they need wars, because only they benefit from them. The formal "National" Governments, the executors of the wars, are solely their obedient servants, whom somebody defined as "psychopathocracy", masquerading as democracy.

The return to the economic turf; anybody and everybody with an elementary knowledge of economics knows that the big bankers, namely the American Fed (Federal Reserve) and Co, and other financial sharks, with very generous assistance from the crooked government or governments, are scooping enormous benefits-profits-wealth through shrewd, albeit primitive and totally immoral, often criminal financial (and other type) machinations.

Trillions of dollars have poured, are still pouring and will pour to the coffers of bankers and other rich, immoral parasites of mankind. Of course printing or otherwise "issuing" new money can only create or exacerbate inflation. We, the somewhat older generation, which cannot remember the Weimar Republic's hyperinflation, still remember the chaos, inflation/hyperinflation and misery in post war Europe.

People in Latin American countries have their own experience. A few gained, but the majority of people lost terribly. That is what we face today. I am not surprised by the state of affairs in the current world. We know that the big world economics, the "Great Depression" of the 1930s, effectively never ended. Only was somewhat mitigated first through WWII, then changed forms.

An informed and wise person knows and honestly admits that the current capitalist system is in crisis, and needs to be either thoroughly overhauled or, even better, completely replaced. With what? Socialism, Socialism with human face as they have tried to establish in the 60s in the Czecho – Slovakia led by a Slovak, Alexander Dubcek.

We failed not because of the inherent faults of the projected socialism, but mainly because both the Communist Soviet Union (The Bloc) and the Western Capitalist countries (Governments, establishment) were morally afraid of it.

Can you imagine what would have happened if there were a socio-economic system based on principles of people genuine power, "A government by the people for the people", as well as a national economy run not only on profits but for citizen's well being? The World Community of Plutocrats, Oligarchs and all the immoral privileged trembled because they know what we, the people, know.

That this would be the end of exploitation and deprivation, "Proletarization" of masses and the end of swindle deceptions, racketeering, undeserved profits, benefits and wealth of the few privileged. Is it Utopia? Perhaps, but may be not. What we need today, and will need even more in the near future, is open mindedness, moral integrity, courage and determination of public opinion influences, namely also economics, to tell the world the full truth about what's going on in the present Capitalist World and its sick, ineffective and socially harmful economy.

# Designer Babies now

Nowadays they have invented artificial DNA. They are also making chimeras (creatures that have human and animal genes), therefore Designer Babies are possible.

Some of the rich and powerful have designer babies. By making designer babies illegal or highly expensive the middle classes and the poor are denied this benefit.

Designer babies could give us equality at last. If everybody had a designer baby with the highest intelligence possible equality would become a reality. Other qualities would fall in the realm of fashion. Thus one could have three colours in one's hair and so on.

When everyone would have the same high I. Q unpleasant work would be relegated to robots or would be highly paid to attract volunteers.

Races would become a thing of choice, for parents would be able, if they so wish, to remove a race characteristic from their children.

Diversity would become the realm of fashion , while everybody would be equal because of equal intelligence.

**Josephine Gatt-Ciancio**

**Kalkara**



# Female Genital Mutilation – Stop the Pain!

**Mary Anne Zammit**

*'Sal-2009 f'Malta kien hawn madwar 242 mara mmigranta li ġew minn pajjiżi fejn l-FGM hija prattikata'.*

Għalina li ngħixu fir-reġjun tal-Mediterran, l-immigranti rregolari huma parti mill-komunità tagħna u gradwalment qegħdin jintegraw fil-kultura tagħna. Madankollu, fuq wiċċhom jistgħu jkunu qed iġorru l-marki ta' tbatija ta' persekuzzjoni, gwerra u vjolenza. Forma komuni ta' vjolenza fuq in-nisa b'mod partikulari hija l-'*Female Genital Mutilation'*. Huwa stmat li madwar 500,000 tfal bniet u nisa minn madwar id-dinja kienu suġġett għal din il-forma ta' tortura. L-użu tal-*FGM* jwassal għall-konsegwenzi koroh psikoloġiċi u ta' saħħa, fejn ħafna drabi tibqa' mal-vittma tul ħajjitha kollha.

Sa minn qabel il-ġurnata Internazzjonali tan-nisa u waqt diskussjoni bejn is-sħab soċjali fi Brussell, is-Sinjura Viviane Reding, Kummissarju tal-Ġustizzja Ewropej ħabbret it-tnedija ta' konsultazzjoni pubblika. Il-proposta ta' konsultazzjoni se tibqa' għaddejja sal-30 ta' Mejju 2013 u minnha jridu joħorġu numru ta' proposti dwar kif nistgħu niżviluppaw miżuri f'livell tal-UE għall-ġlieda kontra '*Female Genital Mutilation'*.

Il-Kummissarju tal-UE għall-Affarijiet Interni, Cecilia Armstrong iddikjarat li dawk in-nisa u t-tfal




bniet li huma f'riskju ta' *FGM*; jew ġenituri li jibżgħu minn persekuzzjoni minħabba r-rifjut tagħhom li jħallu tfal tagħhom li jgħaddu minn dawn il-prattiċi għandhom jingħataw protezzjoni xierqa. Dan għandu jikkostitwixxi raġuni valida għad-dritt ta' ażil u l-Kummissjoni Ewropea se tappoġġa l-istati membri sabiex titqajjem kuxjenza dwar dan is-suġġett u, se tieħu azzjoni soda kontra l-*FGM*.

Ir-rapport '*FGM, Too much pain and Asylum in EU'* ta' ħarsa ġenerali bi statistika dwar din il-problema, li tinkludi evidenza ċara fuq sitt aspetti li jikkonċernaw l-*FGM* u l-Ażil. Xi wħud mill-mistoqsijiet indirizzati kienu dwar fejn jfittxu ażil it-tfal bniet; minn liema pajjiż huma ġejjin dawn, u kemm mit-talb għal ażil huwa bbażat fuq il-biża ta' *FGM*.

Studju ieħor ġie żvelat mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi waqt diskussjoni bejn l-imsieħba soċjali u fuq talba tal-Kummissarju Ewropej, is-Sinjura Reding. Kien indikat li sa' 2009 f'Malta kien hawn madwar 242 mara mmigranta li ġew minn pajjiżi fejn l-*FGM* hija prattikata.

Sa Frar 2012 ma kienx hemm dokument wieħed li tratta *FGM* u anke taħt il-liġi Kriminali Maltija, *FGM* hija mniżżla fl-Artikolu 214 tal-Kodiċi Penali, taħt il-provvediment ta' korriment fuq il-ġisem.

L-unika referenza għall-*FGM* tinsab fil-Politika Nazzjonali dwar is-Saħħa Sesswali ta' 2010 li jiddeskrivi l-*FGM* bħala waħda mir-realtajiet li teżisti fil-qasam tas-saħħa sesswali li jeħtieġ li tiġi ndirizzata. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda data rrekordjata ta' l-għadd ta' vittmi nisa minn *FGM* f'Malta jew in-numru ta' tfal bniet li jistgħu jkunu esposti għar-riskju.

Madankollu, jeżisti rekord ta' kawża waħda minn familja Etjopjana fejn l-ażil rikjest kien abbażi tal-*FGM,* iżda dan kien ġie miċħud mil-Awtoritajiet Maltin.

Wieħed jittama, li minn din l-inizjattiva meħuda mill-Kummissarju tal-UE u permezz tal-konsultazzjoni pubblika jitqajjem aktar għarfien. It-tieni nett, aktar stati membri fosthom Malta se jkollhom jimplimentaw leġislazzjonijiet speċifikament dwar din il-vjolenza partikolari fuq in-nisa.

# X'Nistennew mill-Gvern il-Ġdid

**Victor Degiovanni**

Nhar is-Sibt 9 ta' Marzu kienet ġurnata eċċezzjonali għaliex il-poplu Malti fl-elezzjoni ġenerali, dak inhar, fil-maġġoranza assoluta tiegħu, warrab mill-poter, il-klikka Nazzjonalista, li ħakmet lil Malta għal dawn l-aħħar 26 sena b'eċċezzjoni ta' sena u għaxar xhur ta' Amministrazzjoni Laburista mmexxija minn Dr Alfred Sant.

Bħala partit xellugi, il-Partit Komunista feraħ b'din il-bidla, għalkemm aħna ma tantx naraw għajn ma' għajn mal-Partit Laburista tal-lum. Nemmnu imma li b'din il-bidla, l-poplu sejjer jibbenefika mill-ġdid, mis-servizzi soċjali li l-gvern ta' Gonzi PN kien qed inaqqar bil-mod il-mod ħalli jmexxi il-quddiem l-aġenda neo liberali fl-interess tal-finanzjaturi l-kbar li jimmanipulaw u jikkontrollaw l-Unjoni Ewropeja.

Nawguraw lill-Gvern Laburista il-ġdid immexxi minn Dr Joseph Muscat suċċess fil-pjanijiet tiegħu sabiex iraħħas il-kontijiet tal-enerġija, u anki jitbiegħed mill-proposti tal-UE sabiex jiġu privatizzati servizzi soċjali, speċjalment f'dawk li huma Edukazzjoni, Saħħa, u Pensjonijiet.

Nħeġġuh sabiex iwarrab totalment il-politika neo-liberali tal-amministrazzjoni GonziPN li ġabet biss taxxi u prezzijiet aktar ogħla li kaġun ta' din il-politika ħafna familji ġew mitfugħa f'riskju ta' faqar u kabbret il-firda soċjali bejn il-klassijiet, fejn il-ħafna spiċċaw bil-kemm għandhom għaxja ta' lejla u l-ftit komplew jistgħanew.

Nistennew li d-drittijiet individwali taċ-ċittadin għandhom jagħmlu pass ieħor il-quddiem min dak li nkiseb sa' llum, fost dawn, riforma sabiex fl-aħħar tinkiseb verament il-libertá tal-kuxjenza, fejn l-indivdwu ikun liberu li jagħżel hu mingħajr ebda ndħil ta' xi reliġjon f'dik li hija morali, li m'għandiex tkun monopolju ta' xi ħadd. Anki tinqata' darba għal dejjem l-użanza li kienet inbdiet mil-PN wara l-1987, fejn partit politiku jingħata tagħrif mill-kummissjoni elettorali dwar jekk individwu vvotax jew le, għaliex din twassal għal abbużi ta' nepotiżmu u diskriminazzjoni fuq bażi politika, meta fuq kollox il-vot huwa sigriet.

Mill-azzjonijiet li ħa sa issa l-Gvern ta' Joseph Muscat, aħna ma naqblux mal-kontinwazzjoni tal-politika tal-amministrazzjonijiet Nazzjonalisti preċedenti ta' ksur tal-klawżola tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta dwar in-newtralità, bi dħul fil-portijiet tagħna ta' bastimenti tal-gwerra, u mal-pożizzjoni meħuda dwar is-sitwazzjoni ġewwa s-Sirja, fejn il-gvern Malti qiegħed jappoġġja l-politika `mperjalista tal-Istati Uniti, fejn qiegħed jagħraf bħala Gvern leġittimu lill-fundamentalisti Iżlamiċi, li bl-instigazzjoni ta' l-Istati Uniti qanqlu gwerra ċivili sabiex jintroduċu liġi ripressiva ta' Sharija ġewwa pajjiż li sa' llum kien wieħed sekulari.

Dan ma jawgurax tajjeb għall-pjanijiet sabiex tinbidel il-kostituzzjoni. Nisperaw li fit-"Tieni Repubblika" ma nitbegħdux mill-politika ta' Newtralitá kif kienet imfassla mil-Perit Duminku Mintoff, u ma nispiċċawx fuq in-naħa ta' l-imperjaliżmu li qed imexxi politika ta' aggressjoni kontra pajjiżi tat-tielet dinja bil-għan li jkomplu jisirqulhom ir-riżorsi naturali li jinsabu f'arthom.

Nawguraw li l-affarijiet mhux sejrin ikunu hekk, imma li l-kostituzzjoni ta' "Tieni Repubblika" tkun waħda progressiva, tipproteġi n-newtralitá u li ż-żommna l-bogħod min-NATO u l-Partnership for Peace u anki tiżgura li min ikun kiser xi klawżola tal-kostituzzjoni jieħu dak li ħaqqu, u mhux jinħatar protettur tagħha bħal ma ġara fil-passat riċenti.

**ALLEANZA LIBERALI**
**www.malta-liberals.org**

tixtieq tirringrazzja lil dawk il-Maltin u Għawdxin li taw l-appoġġ tagħhom lil Alleanza Liberali avolja f'ammont żgħir ħafna. Aħna pero' se nibqgħu attivi politikament u kull min irid jagħmel kuntatt magħna jista' jċempel: 99459714, 99449157, 99267086

emejl: mail@john-zammit.eu
sammutjp@onvol.net

Grazzi u nselli għalikom

John Zammit

ALLEANZA LIBERAL-DEMOKRATIKA-MALTA
Associate Member Of ELDR
www.eldr.eu

**Abbona fil-gazzetta Żminijietna - Leħen ix-Xellug**

Isem: Kunjom:

Indirizz:

Emejl:

Sena: (€5) ☐ Sentejn: (€10) ☐

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000**